**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**It-3 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **il-Ġimgħa 17 ta' Mejju 2013 fl-4:30pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

## Aġenda

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Bini Amministrattiv Ġdid tal-Kunsill Lokali**
4. **Aġġornament dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2013**
5. **Aġġornament dwar il-Miżura 313 u *Public Private Partnership***
6. **Attivitajiet tal-Kunsill Lokali matul ix-xhur tas-Sajf**
7. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
8. **Finanzi**
9. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-3 Laqgħa tas-seba’ leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar il-Ġimgħa 17 ta’ Mejju 2013 fl-4:30 ta’ wara nofsinhar fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tas-6:45 ta’ filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi-Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

1. **QARI TAL-MINUTI**

1.1 Il-Minuti tat-2 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

2. **KORRISPONDENZA**

2.1 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – *Imagine 18* (16, 17 u 18 ta' Mejju 2013) – *Celebrating the designation of Valletta as European Capital of Culture 2018*.**

2.2 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkolari DLG PQ 4/2013 – PQ 1446.**

2.3 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkolari DLG PQ 5/2013 – PQ 1441.**

2.4 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Stqarrija għall-Istampa mill-Onor. Jose' Herrera, Segretarju Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali.**

2.5 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Jum Marittimu Ewropew 2013 (21-22 ta' Mejju 2013).**

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż għall-Istampa mill-Kummissjoni Elettorali – Reviżjoni tar-Reġistru Elettorali għall-Elezzjoni Ġenerali.**

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ittra mill-Uffiċċju Elettorali – Reġistri Elettorali għall-Kunsilli Lokali riveduti (April 2013) – biex tiġbru kopja tal-lokalita'**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**tagħkom.**

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż maħruġ mill-Kummissjoni Elettorali – għeluq tal-Uffiċċju tal-Karta tal-Identita' fl-24 ta' April 2013.**

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż għall-Istampa – Reġistri Elettorali riveduti għall-Elezzjonijiet Ġenerali, għall-Kunsilli Lokali u għall-Unjoni Ewropea.**

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **PQ 580.**

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Annual Statistical Obligations – 2012*.**

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***URGENT – Way forward on recruitment and engagement of personnel with the Public Service and Public Sector organisations.***

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – Memo 40/2012 – Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabilita' ta' Librerija Lokali jew Reġjonali – *Updated list*.**

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Antoine Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **PQ 1033.**

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Antoine Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **PQ 1042.**

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Adrian Mifsud għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Bidu ta' Proċess għal Ingaġġ ta' Segretarji Eżekuttivi u Impjegati tal-Kunsill.**

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Adrian Mifsud għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Bini ta' Uffiċċju Amministrattiv Ġdid tal-Kunsill Lokali.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Allokazzjoni Finanzjarja Jannar-Diċembru 2013.**

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Local Councils – Information on schools, health centres and sports facilities*.**

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Cleavon Vella għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Devoluzzjonijiet.**

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Lorraine Nicole Vella għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Libreriji 2012.**

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Isabella Camilleri Aquilina, *Schemes Unit*, bit-titlu **Kotba ppublikati mill-Kunsilli Lokali.**

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr. Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 30/2013 – Laqgħa għas-Sindki – 31 ta' Mejju u 1 ta' Ġunju 2013 – Minuti u Programm.**

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr. Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 27/2013 – Laqgħa għas-Sindki – 31 ta' Mejju u 1 ta' Ġunju 2013 – Lukanda Calypso, Marsalforn.**

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-ANSEK, bit-titlu **Laqgħa Ġenerali Annwali.**

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Robert Attard, Uffiċjal Eżekuttiv tal-Kunsill Malti għall-Isport, bit-titlu ***Sports Facilities***.

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Marthese Baldacchino, bit-titlu ***UIF Statement of Funds.***

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***Call for Applications – M413.A2 & M413.A7.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Susanne Bonello, Transport Malta, bit-titlu **Parkeġġ f'Misraħ San Mattew, Il-Qrendi.**

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Romina Carabott, Transport Malta, bit-titlu **B'referenza għall-ittra tagħkom datata 5 t'April 2013 dwar suġġeriment tal-Arriva.**

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Eman Vella, bit-titlu ***Village Meeting InfoNitrates Project.***

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Robert Naudi, *EU Fund Officer,* bit-titlu ***Procurement Regulations.***

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Mandy Falzon, bit-titlu ***Funding Opportunity – Europe for Citizens – Town Twinning Citizens' Meeting.***

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Onor. Dr. Marlene Farrugia, bla titlu.

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Charlene Mercieca Magro, minn GreenPAK, bit-titlu ***1st Quarter 2013 Recovery Report.***

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr. Gino Terrazza, Sindku tal-Comune di Ficulle, bit-titlu ***Lettera del Sindaco.***

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Samantha Gauci, bit-titlu ***Permission to film at tal-Ħniena.***

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Bernardette Azzopardi, bit-titlu ***Mqabba Road, Qrendi.***

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Amanda Mizzi, bit-titlu **Appoġġ teħtieġ il-voluntiera.**

2.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Frederic Hebert, bit-titlu ***Waste Oil Deposit.***

2.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Andrew Mangion, bit-titlu **Armar tal-Festa.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Karmenu Pace, Surmast tal-Iskola Primarja tal-Qrendi, bit-titlu **Stedina lis-Sindku.**

2.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur David Schembri, Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, bit-titlu ***Request for an ATM at Qrendi.***

2.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur David Schembri, Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, bit-titlu **Guarena.**

2.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn WPS Carolyn Marmara' Jacono, bit-titlu ***Meeting with Drug Squad.***

2.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Leitizia Buttigieg, bit-titlu **Kampanja Favur Trobbija Pożittiva.**

2.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Roxanne Bugeja, minn Island Insurance Brokers, bit-titlu ***Qrendi Local Council – Small & Medium Enterprise Combined Insurance Policy / Group Personal Accident Insurance Policy – 12th May 2013 Renewal.***

2.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Ivan Borg, bit-titlu **E-mail Kunsill Lokali Qrendi.**

2.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Ilan Dalli, bit-titlu ***Attn: Mr. Falzon.***

2.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Karl Agius, bit-titlu ***Mayor's Prize.***

2.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Christine Camilleri, bit-titlu **Laqgħa għall-Għaqdiet Volontarji ġewwa kull lokal.**

2.52 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Tony Vella, Omajco Cleaners Ltd., bit-titlu ***Application for permission of use.***

2.52.1 Is-Sindku David Schembri qal li ma jsibx oġġezzjoni li l-armar li jinsab fi Triq it-Tempesta k/ma' Triq iż-Żurrieq jintuża' għal skopijiet ta' reklamar minn persuni oħra.

2.52.2 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li għandu jingħata dan il-permess għal perjodu li jkun miftiehem bejn il-Kunsill u min ikun irid jikri dan l-ispazju.

2.53 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Gordon Sacco, Segretarju tas-Soċjeta' Mużikali Lourdes, dwar bords u servizz ta' sigurta' matul il-jiem tal-festa.

2.53.1 Is-Sindku ppropona li għandna nitkellmu mas-Surmast tal-Iskola Primarja dwar il-*boards* li għandhom huma sabiex naraw jekk ikunux jistgħu jsellfuhom lis-Soċjeta' Mużikali Lourdes.

2.53.2 Dwar is-servizz tas-sigurta' għal matul il-jiem tal-wirja organizzata mis-Soċjeta' Mużikali Lourdes, il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li ma jistax jaċċetta din il-proposta minħabba li tiġi tiswa ammont sostanzjali ta' flus.

## 3. <u>BINI AMMINISTRATTIV ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI</u>

3.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-bini ta' uffiċċju amministrattiv ġdid se jsir fejn illum hemm il-Berġa kif ukoll tittieħed parti żgħira mill-bandli ta' Ġnien Nicolo' Communet.

3.2 Kompla li hemm bżonn isiru alterazzjonijiet żgħar fuq il-pjanta u fil-fatt il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jitkellem mal-Perit Henry Attard dwar dan.

3.3 Qal li fil-pjanta m'hemmx imniżżel li se jsir ġibjun taħt il-bini kif inhu mitlub mill-MEPA.

3.4 Żied li jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali jaċċetta li nkomplu mexjin fuq dan il-proġett, se jkun qiegħed isir dak kollu possibli sabiex ix-xogħol ma jdumx ma jinbena.

3.5 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-*bill of quantities* u qal li minħabba li għaddew diversi snin mill-*bill of quantities* preżenti, irid isir reviżjoni

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

tagħha.

3.6 Tkellem ukoll dwar *e-mail* li ntbagħtet mill-Kunsill Lokali lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex ikun stabbilit f'liema każijiet il-Kunsill ikollu jagħmel referendum fil-lokalita'.

3.7 Żied li hu personali jaqbel ħafna ma' dan il-proġett għax jagħti spinta qawwija 'l quddiem lill-Kunsill Lokali.

3.8 Qal li l-proġett ikun komplut jekk kemm-il darba nimmodernizzaw ukoll il-bandli ta' Ġnien Nicolo' Communet.

3.9 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li fil-laqgħa li saret mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Ian Borg, dan semma' kif il-Kunsill jista' jibbenefika minn xi fondi tal-Unjoni Ewropea u għaldaqstant irridu nistennew ftit ieħor.

3.10 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li qabel il-laqgħa li jmiss se nkunu qegħdin nistennew risposta mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll se nippruvaw nagħmlu laqgħa mal-Perit Henry Attard.

## 4. <u>AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2013</u>

4.1 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li l-peparamenti għall-Festival Agrarju tal-Patata issa huma magħluqin u jidher li kollox huwa lest.

4.2 Tkellem dwar il-pubbliċita' li se ssir minħabba dan il-Festival u qal li l-konferenza tal-aħbarijiet li kellha ssir fil-Ġnien tal-Kmand diġa' saret.

4.3 Semma' kif tal-PBS ġew jiġbdu l-*footage* sabiex jagħmlu servizz waqt l-aħbarijiet dwar kif tinqala' u tintgħażel il-patata.

4.4 Semma' wkoll l-istazzjonijiet tar-radju li stednuna sabiex nieħdu sehem fil-programmi tagħhom, fosthom Radju RTK u ONE Radio.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.5 Il-Viċi-Sindku tkellem ukoll dwar il-*posters* u l-*flyers* li saru apposta għal din l-attivita', fejn għall-ewwel darba kellna l-għajnuna tal-Maltapost sabiex jitqassmu l-*flyers* fl-irħula viċin tagħna.

4.6 Qal li l-Kunsill Lokali min-naħa tiegħu qiegħed jagħmel promozzjoni qawwija ħafna fuq is-sit soċjali *Facebook.*

4.7 Is-Sindku David Schembri qal li rnexxielu jagħmel arranġamenti sabiex dakinhar tal-Festival, fis-26 ta' Mejju, jidher artiklu fuq il-magażin *Tune In* li joħroġ mal-gazzetta *The Sunday Times*.

## 5. AĠĠORNAMENT DWAR IL-MIŻURA 313 U *UBLIC PRIVATE PARTNERSHIP*

5.1 Il-Sindku David Schembri qal li bħalissa Polidano Bros. Ltd. qegħdin jieħdu ħsieb l-i*snag list* tax-xogħol li fadal isir fil-bankina li mill-Misraħ ta' San Mattew tagħti għal Ħaġar Qim.

5.2 Tkellem ukoll dwar il-*Public Private Partnership* li issa waslet fl-aħħar fażi tagħha, meta fadal li jingħata t-tieni wiċċ ta' tarmak minn kantuniera mal-Palazz tal-Guarena sa kantuniera ma' Triq il-Panorama.

## 6. ATTIVITAJIET TAL-KUNSILL LOKALI MATUL IX-XHUR TAS-SAJF

6.1 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li l-Kunsill Lokali qiegħed jaħseb bis-serjeta' sabiex jorganizza ġurnata Sqallija f'Lulju li ġej.

6.1.1 Fil-preżent qegħdin niċċekkjaw meta l-aħjar immorru u fejn immorru. Fil-fatt qegħdin ikunu kkunsidrati d-dati tal-Ġimgħa 12 jew is-Sibt 13 ta' Lulju.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

6.2 Qal ukoll li l-ħsieb tal-Kunsill Lokali huwa li ssir mawra għal Għawdex matul ix-xahar ta' Settembru.

6.3 Il-Viċi-Sindku semma' wkoll li se ssir ħarġa għan-nies tal-Qrendi matul l-ewwel jiem ta' Ġunju.

6.3.1 Qal li din il-ħarġa se ssir fil-5 ta' Ġunju u se tkun f'*The President's Kitchen Garden*.

## 7. <u>KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>

7.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar il-laqgħa li beħsiebhom jagħmlu *InfoNitrates* f'Misraħ il-Maqluba nhar il-Ħamis 13 ta' Ġunju.

7.1.1 Qal li se jkunu mistiedna diversi bdiewa għal din il-laqgħa.

7.2 Is-Sindku tkellem ukoll dwar laqgħa li saret ma' Natura 2000 dwar il-Maqluba u l-irdum fuq in-naħa ta' Wied iż-Żurrieq u Ħaġar Qim.

7.2.1 Żied li saret laqgħa ma' diversi persuni konċernati dwar il-Maqluba fis-sala tal-Kunsill Lokali.

7.3 Is-Sindku tkellem ukoll dwar talba li għandu l-Kunsill Lokali għal bozza fi Triq Ħal Lew.

7.3.1 Qal li mhuwiex daqstant vijabbli li ssir din il-bozza fejn hi proposta minħabba li l-ħajt huwa baxx.

7.3.2 Żied li fis-sitwazzjoni l-aħjar ħaġa tkun li nistennew ir-rapport ta' Natura 2000 (il-linji gwidi tal-MEPA) qabel naraw kif se nipproċedu dwar it-talba għal din il-bozza.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

7.4 Is-Sindku tkellem ukoll dwar korrispondenza li rċevejna mingħand is-Sindku ta' Ficulle, l-Italja.

7.4.1 Qal li dawn jixtiequna li nżuru dan il-post sabiex isiru diskussjonijiet oħra minħabba l-ġemellaġġ propost bejn iż-żewġt irħula.

7.4.2 Żied li sal-lum il-ġurnata, l-Kunsill tagħna diġa' għamel żjara esploratorja f'dan ir-raħal, filwaqt li min-naħa tagħhom, huma ġew darbtejn iżuruna.

7.4.3 Is-Sindku kompla li fil-preżent qiegħed jitkellem mas-Sur Brian Pace sabiex jiġi diskuss kif il-Kunsill Lokali jista' jmexxi fuq *twinning programme*.

7.4.4 Qal li fl-opinjoni tiegħu, għal din iż-żjara għandhom jitilgħu hu bħala s-Sindku, Charles Zerafa bħala l-Viċi-Sindku u bħala l-persuna li diġa' kien żar dan ir-raħal fil-leġiżlatura preċedenti, kif ukoll Chris Falzon bħala s-Segretarju Eżekuttiv li jirrappreżenta l-amministrazzjoni tal-Kunsill.

7.4.5 Żied li jekk kemm-il darba f'din iż-żjara ma jirnexxilniex niffinalizzaw dan il-ġemellaġġ, ikollna nħarsu lejn possibiltajiet oħra.

7.4.6 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* mal-proponiment tal-persuni li għandhom jitilgħu Ficulle, jiġifieri s-Sindku David Schembri, l-Viċi-Sindku Charles Zerafa u s-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon.

7.5 Is-Sindku tkellem ukoll dwar laqgħa li saret mal-koperattiva GreenPAK.

7.5.1 Qal li f'din il-laqgħa kienu diskussi l-proposti li ssir *bring-in site* fi Triq l-Imqabba, maġenb is-*sub station* tal-Enemalta.

7.5.2 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* ma' din il-proposta u se nkunu qegħdin nitkellmu ma' GreenPAK sabiex din il-*bring-in site* ssir fil-mument opportun.

7.5.3 Is-Sindku qal ukoll li kien diskuss il-punt li nhar ta' Tlieta tinġabar biss il-borża l-ħadra, jiġifieri l-borża s-sewda tibda tinġabar ħames darbiet fil-ġimgħa minflok sitta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

7.6 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza li rċevejna mingħand is-Sinjuri Amato li joqgħodu fil-Palazz tal-Guarena.

7.6.1 Qal li dawn irringrazzjaw lill-Kunsill Lokali tax-xogħol li sar fit-triq li tgħaddi minn quddiem il-Palazz, fejn din ingħatat wiċċ ġdid ta' tarmak sabiex tkun tikkumplimenta l-proġett kollu li qiegħed isir f'din iż-żona.

7.6.2 Żied li l-ammont finali ta' din it-triq naqas ftit minħabba li parti minnha se titħallas mid-*Drainage Department* minħabba li taqa' taħt *re-instatement* ta fejn għaddew bid-drenaġġ.

7.7 Is-Sindku tkellem dwar il-*Mayor's Prize* fejn qegħdin nintalbu biex ngħinu dwar safra għal żewġ studenti mill-Qrendi li rebħu dan il-premju.

7.7.1 Qal li it-talba hi li l-Kunsill jgħin b'xi ammont ta' flus li jista' jlaħħaq mal-€100, imma fl-aħħar mill-aħħar din trid tkun deċiżjoni tal-Kunsill Lokali.

7.7.2 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill Lokali joħroġ parti minn kull *flight* ta' dawn iż-żewġ studenti u qal li din tkun tammonta għal €100.

7.8 Is-Sindku tkellem ukoll dwar korrispondenza li rċevejna mingħand is-Sur Ivan Borg dwar bozza fi Triq it-Tempesta.

7.8.1 Qal li din il-bozza ilha tiġi rrapurtata min-naħa tal-Kunsill imma dejjem baqgħet tixgħel u titfi.

7.8.2 Is-Sindku żied li diġa' kienet saret diskussjoni mas-Segretarju Eżekuttiv dwar dan is-suġġett kif ukoll tkellimna mal-korporazzjoni Enemalta sabiex naraw kif din is-sitwazzjoni tista' tkun riżolta.

7.9 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li saret laqgħa teknika mas-Segretarju Parlamentari Dr. Ian Borg sabiex bħala Kunsill naraw kf nistgħu nibbenefikaw minn diversi fondi mill-Unjoni Ewropea.

7.10 Semma' wkoll Triq Filippu Żammit fejn jidher li hemm min qiegħed joħroġ l-iskart wara li jkun għadda l-kollettur.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

7.10.1 Ippropona li għandha tintbagħat ittra lir-residenti ta' din it-triq sabiex l-iskart domestiku jinħareġ filgħodu qabel ma' jgħaddi l-kollettur.

7.11 Il-Kunsillier Olympia Sant qalet li fil-laqgħa li jmiss se ssir it-tnehdija tas-sotto-kumitat li tixtieq li twaqqaf hi, fejn ikun hemm ukoll l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali għall-ismijiet proposti.

## 8. FINANZI

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €80,406.41c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 05/13 u €97.89 skont il-*Petty Cash* Ref Q/04.

8.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

8.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill qabel *nem. con*.

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-6:45pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 25 ta' Ġunju 2013 fl-4:30pm.

9.2 Il-Kunsill Lokali qabel nem. con. dwar il-ħin ta' din il-laqgħa.

_________________________ _________________________

**Chris Falzon** — **David Schembri**

**Segretarju Eżekuttiv** — **Sindku**